MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2007

Appell Kriminali Numru. 367/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emanuel Theuma**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Emanuel Theuma talli fis-sena 2006 gewwa l-Hamrun u fi bnadi ohra f' dawn il-Gzejjer:

(1) Bhala cittadin jew resident permanenti f'Malta, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, gibed jew ippermetta li jingibed xi ritratt, *film*, *video recording* jew xbieha elettronika indicenti ta' persuna ta' taht l-eta`, jew qassam jew wera *films*, *video recordings* jew xbiehat elettronici indicenti juru persuni taht l-eta`, u kellu fil-pusses tieghu

ritratt, *film*, *video recordings* jew xbieha elettronika indicenti juru persuni taht l-eta`;

(2) Ghal qligh jew ghat-tqassim, jew ghall-wiri f'post pubbliku jew f' post accessibli ghall-pubbliku, immanifattura, stampa jew xort'ohra ghamel, jew dahhal f'Malta, jew akkwista jew zamm, iccirkola jew esporta xi stampat, tpingija, ritratt, film, ktieb, kartolina jew kitba pornografika, jew oxxena jew xi oggett iehor, ikun li jkun pornografiku jew oxxen, kemm jekk jixbah lil dawn ta' hawn fuq, kemm jekk le;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Novembru 2006, li permezz taghha dik il-Qorti ikkundannat lill-imsemmi Emanuel Theuma ghall-hlas ta' *multa* ta' mitejn liri Maltin (Lm200) pagabbli fi zmien tletin jum mid-data tas-sentenza appellata u fin-nuqqas ta' hlas fiz-zmien imsemmi titbiddel f'piena ta' prigunerija;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fit-22 ta' Novembru 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma il-htija u flok multa timponi piena karcerarja skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-Avukat Generali jirrigwarda l-piena. Huwa jghid illi dan kien kaz serju li jinvolvi minuri u li l-pussess u cirkolazzjoni ta' pornografija tal-minuri hi konsiderata bhala ta' hsara kbira kemm lill-minuri kif ukoll lis-socjeta` u ghalhekk l-ewwel Qorti kellha timponi piena karcerarja.

Fis-seduta ta' l-4 ta' Mejju 2007, id-difensuri ta' l-appellat irrilevaw illi "fl-istadju tal-prezentata quddiem l-ewwel Qorti kien hemm qbil informali bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza bl-akkwijexxenza tal-Magistrat sedenti fil-prezenza ta' l-istess dwar x'piena kellha tinghata fic-cirkostanzi."

Irrilevaw ukoll illi “d-difiza originarjament ma kellha ebda intenzjoni tirregistra ammissjoni stante li kienet tal-fehma li fl-aghar ipotesi zgur li mhux l-akkuzi kollha kienu jirrizultaw. Din l-ammissjoni saret biss wara xi siegha u nofs ta’ patteggjament bejn il-partijiet kollha fejn anke saret komunika diretta mal-Avukat Generali. Fic-cirkostanzi d-difiza thoss illi l-appell ghandu jigi michud jew jekk le d-difiza tinghata l-opportunita` tirtira l-ammissjoni taghha sabiex jinstemghu l-provi.”

Issejhet biex tixhed l-Ispettur Louise Calleja li xehdet b’mod generali, ma ftakritx ma min tkellmet fl-ufficcju ta’ l-Avukat Generali u, ikollu jinghad, ma xehditx b’wisq konvinzjoni. Ghalhekk din il-Qorti m’ghandha l-ebda dubju li sar patteggjament bejn il-partijiet.

Pero` l-kuncett ta' patteggjament gie trattat minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mario Spagnol** deciz fis-6 ta' Jannar 2005[1] (u citat b’approvazzjoni minn din il-Qorti kif presjeduta f’**Il-Pulizija v. Anthony Zammit** deciz fit-12 ta’ Jannar 2005) u dak li ntqal f'dik il-kawza sejjer jigi citat *in extenso*:

**"Illi dan il-kuncett ta' patteggjament dwar il-piena, sia pure seta' kien fil-prattika dejjem adoperat b'mod informali kemm fil-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali, kif ukoll quddiem il-Qorti Kriminali, iddahhal ghall-ewwel darba b'forma istituzzjonalizzata fil-ligi penali taghna bl-artikolu gdid 453A introdott bl-Att III tas-sena 2002 u emendat bl-Att XIII tas-sena 2002. Dan l-artikolu jifforma parti mit-Taqsima I tat-Tieni Ktieb, Titolu IV: "Fuq il-Qorti Kriminali". Bhala rizultat ta' dan l-artikolu gdid b'effett minn Ottubru 2003, sar possibbli li, qabel ma l-akkuzat iwiegeb ghall-mistoqsija jekk hux hati jew mhux hati quddiem il-Qorti Kriminali, l-akkuzat u l-Avukat Generali jitolbu lil dik il-Qorti li, fil-kaz ta' ammissjoni, tapplika sanzjoni jew mizura jew kombinazzjoni ta' sanzjonijiet jew mizuri tax-xorta u l-kwantita` miftehma bejniethom. Jekk il-Qorti Kriminali**

[1] Ara wkoll Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Jason Spagnol**, 6 ta' Jannar 2005.

**tkun soddisfatta li s-sanzjoni jew mizura jew sanzjonijiet jew mizuri mitluba jkunu tali li jkun legittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' htija ghar-reat jew reati li dwaru jew dwarhom l-akkuzat ikun ammetta l-htija u ma jkollhiex ghaliex tordna li jsir il-guri tal-kaz jew ghal xi raguni ohra tichad it-talba, wara li tispjega lill-akkuzat bi kliem car x'ikunu l-konsegwenzi tat-talba tieghu, il-Qorti Kriminali, meta ssir l-ammissjoni ta' htija ta' l-akkuzat, tghaddi biex taghti s-sentenza lilha ndikata mill-partijiet. Imbaghad tiddikjara fid-decizjoni taghha li s-sentenza li tkun qieghda tinghata tkun qieghda hekk tigi moghtija fuq talba tal-partijiet.**

**Fil-prattika kemm ilha li dahlet in vigore din id-disposizzjoni gdida, il-Qorti Kriminali qed tirrikjedi li t-talba ssir bil-miktub permezz ta' rikors jew nota kemm jista' jkun minn qabel u possibilment qabel id-data appuntata ghas-smiegh tal-kawza u li kull diskussjoni dwar it-talba ssir *'in open court'* biex titnehha kull ombra ta' suspett li l-affarijiet mhux qed isiru fid-deher u kif suppost u biex jigi eliminat kull suspett t'abbuz possibbli li wiehed facilment jista' jimmagina li jista' jigi eskogitat mill-partijiet involuti, jew xi hadd minnhom. Hu mahsub li fejn il-Qorti Kriminali ma tkunx taqbel mas-sanzjoni jew mizura miftehma, li ukoll *'in open court'* tiddikjara li, f'dak l-istadju, il-Qorti ma tistax taderixxi ghat-talba.**

**L-artikolu 392A(5) gdid imbaghad jestendi l-applikazzjoni tal-artikolu 453A fuq imsemmi ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja qabel ma l-akkuzat iwiegeb ghall-mistoqsija hux hati jew mhux hati, pero` f'dan il-kaz irid jidher l-Avukat Generali quddiem dik il-Qorti u n-nota li ssir mill-Avukat Generali u mill-imputat flimkien u li jkun fiha l-ftehim milhuq kif provdut fl-artikolu 453A tkun bizzejjed ghal dan il-ghan.**

**Illi fl-assenza ta' disposizzjoni *'ad hoc'* li tkun tapplika ghall-Qrati ohra ta' Gudikatura Kriminali, ma jidhirx li dan l-istitut japplika ghalihom ukoll. Ghalhekk,**

**ghalkemm mhux eskluz li anki quddiem dawn il-Qrati l-prosekuzzjoni u d-difiza jistghu jkunu konkordi fuq sanzjoni jew mizura li ghandha tigi applikata f'kaz ta' ammissjoni ta' htija, dan ikun irid jingieb ghall-attenzjoni ta' dik il-Qorti, kif ghandha tingieb kull sottomissjoni quddiem Qorti u cioe` jew bil-fomm waqt l-udjenza *'in open court'* jew permezz ta' xi att gudizzjarju bhal nota konguntiva jew rikors konguntiv tal-partijiet, debitament ipprezentat fir-registru skond kif titlob il-ligi jew seduta stante.**

**Isegwi mill-fatt li l-fehma tal-partijiet dwar il-piena ghandha tingieb jew fl-udjenza *'in open court'* jew permezz ta' att gudizzjarju konguntiv, li l-gudikant ma ghandu qatt jiddiskuti mad-difensur ta' parti jew ohra, jew mad-difensuri taz-zewg partijiet, kameralment il-piena li tkun qed tintalab jew li dwarha l-partijiet ikunu qed jippatteggjaw jew jippruvaw jippatteggjaw. Fis-sistema taghna, kemm qabel ma l-patteggjament gie istituzzjonalizzat kif aktar 'il fuq inghad, kif ukoll illum, il-gudikant ma jiehu ebda parti f'tali patteggjament hlief li, fit-termini tal-artikolu 453A imsemmi, jiddikjara fil-Qorti bil-miftuh jekk jaqbilx mas-sanzjoni jew mizura jew kombinazzjoni taghhom li jkunu qed jigu proposti mill-partijiet. U b'mod partikolari fejn ma japplikax formalment l-artikolu 453A - jigifieri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali - jekk isiru xi sottomissjonijiet minn parti jew ohra (dejjem fil-Qorti bil-miftuh) dwar il-piena minhabba possibilita` ta' ammissjoni, il-gudikant ma ghandu qatt jindika x'sentenza jkollu f'mohhu li jaghti f'kaz li jkun hemm ammissjoni, salv ghal eccezzjoni wahda, u cioe` li gudikant jista' jindika li sia jekk ikun hemm ammissjoni u sia jekk le, is-sentenza fi kwalunkwe kaz ser tiehu <u>forma</u> partikolari (per ez. piena karcerarja, jew *probation* jew *conditional discharge*). Din ir-regola, bl-eccezzjoni ghaliha, giet l-ewwel darba formulata minn Lord Chief Justice Parker fil-kaz *R. v. Turner* (1970) 54 Cr. App. R. 352, u llum giet konsolidata fl-ewwel parti tal-paragrafu 45.4 tal-*Practice Direction (Criminal Proceedings: Consolidation) [2002] 1 WLR 2870* li tghid hekk: *'The***

***judge should, subject to one exception, never indicate the sentence which he is minded to impose. The exception is that it is permissible for a judge to say, if it be the case, that, whatever happens, whether the accused pleads guilty or not guilty, the sentence will or will not take a particular form …."*** **Fejn din ir-regola ta' bwon sens ma gietx osservata, inqalghu problemi. Hekk, per ezempju, fil-kaz *R. v. Atkinson* (1977) 67 Cr. App. R. 200 Lord Scarman qal hekk:**

***'It is to be observed, greatly to his credit, that everything the judge did in the present case he did in open court in full view of the public. But unfortunately what he did could very well give the impression to this appellant, as well as to other defendants, that there was a bargain: if you plead guilty one result; if you plead not guilty another. Some, including the accused, might well think pressure was being exerted on him to plead guilty. It is that which is so damaging to the face of justice ….'*** **(ara *Stockdale and Devlin on Sentencing*, Waterlow Publishers (London) 1987, pp. 45 - 46).**

**Kull partenza minn dawn il-linji gwida trasparenti fuq indikati jista' johloq komplikazzjonijiet ghad-debita amministrazzjoni tal-gustizzja u jirriskja li johloq dubji, konflitti, suspetti t'abbuzi jew addirittura abbuzi. Ghalhekk zgur li mhu xejn rakkommandabbli li jsiru inkontri *'in camera'* bejn xi parti jew iz-zewg partijiet u l-gudikant bil-ghan li jsiru patteggjamenti dwar il-piena.**

**Altrimenti, peress li ma jkun hemm ebda *'record'* preciz ta' dak li jkun intqal jew ma ntqalx, dak li jkun gie miftiehem jew sottintiz jew forsi fra-intiz, tinholoq problema biex wiehed jistabilixxi ezatt x'ikun intqal, gie miftiehem jew mahsub li gie miftiehem. U peress li *'quod non est in actis non est in mundo'*, Qorti ta' Revizjoni rinfaccata b'kwistjoni dwar xi intendiment o meno li seta' ntlahaq jew ma ntlahaqx tkun priva mill-fatti certi li fuqhom tista' tigi msejha biex tiddeciedi.**

**Ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, kull trattattiva dwar il-piena quddiem il-Qrati l-ohra ta' gurisdizzjoni kriminali li mhumiex il-Qorti Kriminali jew il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja, trid issir jew *in open court* u/jew permezz ta' atti gudizzjarji registrati u meta ma jsirx dan ebda parti ma ghandha mbaghad tilmenta minn xi sorpriza jew addirittura minn xi ngustizzja quddiem Qorti ta' Revizjoni."**

Mill-verbal registrat mid-difiza u mis-sottomissjonijiet maghmula mid-difiza, huwa evidenti li l-linji gwida enuncjati fis-sentenza msemmija ma gewx segwiti. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tqis ruhha marbuta b'ebda mod bil-patteggjament li sar bejn il-partijiet.

L-appellat izid jissottometti illi jekk din il-Qorti tqis li l-appell m'ghandux jigi michud, ghandha taghtih l-opportunita` li jirtira l-ammissjoni li huwa rregistra sabiex jinstemghu l-provi. Issa, mill-verbal tas-seduta tas-7 ta' Novembru 2006 jirrizulta li l-appellat irregistra ammissjoni inkondizzjonata. Imbaghad hemm verbalizzat hekk:

**"Il-Qorti qed tfiehem lill-imputat bi kliem semplici u car xi tfisser ammissjoni. Il-Qorti qed twiddeb lill-imputat dwar x'jistghu jkunu l-konsegwenzi ta' tali ammissjoni.**

**"L-imputat qed itenni l-istess ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu z-zmien sabiex jerga' jahsibha dwar din l-ammissjoni."**

F'dar-rigward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta v. Carmel Attard** moghtija minn din il-Qorti fil-gurisdizzjoni superjuri taghha fis-26 ta' April 2001 li tirrigwarda ammissjoni skond l-artikolu 453(1) tal-Kap. 9 quddiem il-Qorti Kriminali <u>qabel</u> il-hatra tal-guri (applikabbli ghall-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja bis-sahha ta' l-artikolu 392A tal-Kap. 9 – meta l-akkuzat jistqarr li hu hati <u>waqt l-ezami</u>), liema artikolu mhuwiex rez applikabbli minn xi disposizzjoni tal-Kodici Kriminali ghall-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, izda mil-liema sentenza jista' jinstilet parallel:

**"Fis-sistema penali taghna hadd m'huwa obbligat illi jammetti l-htija tieghu kemm jekk hu akkuzat quddiem il-Qrati tal-Magistrati, kif ukoll jekk permezz ta' Att ta' Akkuza quddiem l-Onorabbli Qorti Kriminali. Is-sistema legali taghna mhux biss tipprovdi ghal protezzjoni ta' l-akkuzat billi fl-ewwel lok tipprezumih innocenti sakemm misjub hati, imma taghmilha tassattiva li jekk ikun jixtieq ikun difiz permezz ta' avukat li jaghzel hu, li jekk m'ghandux mezzi biex jipprokura avukat dan jigi provdut lilu, u li, anke jekk wara li jinqrawlu l-akkuzi migjuba kontrih huwa jiddeciedi li jammetti, il-Qorti li tkun ma tistax tghaddi biex tirregistra l-ammissjoni ta' htija qabel ma twissih serjament dwar il-konsegwenzi li ggorr maghha tali ammissjoni, tispjegalu dak li hu necessarju li jigi spjegat, u ttih zmien wara li tistiednu biex jahsibha mill-gdid biex jara jekk iridx isostni l-ammissjoni tieghu jew jekk jippreferix illi jirtira dik l-ammissjoni u jikkontesta l-akkuzi migjuba kontrih, in toto jew in parte.**

**Dan kollu qieghed fil-Kodici Kriminali ghaliex il-gustizzja hekk tirrikjedi, u certament id-disposizzjonijiet relativi jezistu fil-Kodici Kriminali taghna biex tigi tutelata l-gustizzja fil-process kriminali u anke d-drittijiet ta' l-akkuzat.**

**Kif inghad l-akkuzat li jkun huwa liberu li jirrispondi jekk hux hati jew le ghall-akkuzi migjuba kontrih, u anke li ma jirrispondix. Pero` ma tistax tigi tollerata sistema fejn l-akkuzat li jkun, wara li jammetti u jirribadixxi l-ammissjoni tieghu wara li l-Qorti tkun tatu l-monitu rikjest ta' l-artikolu 453(1) tal-Kodici Kriminali jerga' jibdielu u jitlob li jirtira l-ammissjoni tieghu bhallikieku qatt ma kien xejn sakemm ma jkunx hemm verament raguni valida li tipprevali. Wisq u wisq aktar din il-Qorti ma tistax tittollera sitwazzjoni fejn l-appellant jippretendi li jgib il-quddiem pretest li abbazi tieghu jitlob li jkollu l-facilita` jew il-fakolta` li jirtira l-ammissjoni tieghu debitament maghmula u registrata minghajr ma, almenu, igib prova li dik l-**

**ammissjoni hija nficjata minn xi fattur serju daqstant li legalment il-Qorti tkun obbligata li tiehdu in konsiderazzjoni.**

**Aktar milli fil-fatt hu rilevanti f'dan il-kaz jekk l-appellant kienx assistit mill-avukat tieghu fil-kors kollu tal-proceduri, u aktar milli hu importanti l-fatt illi l-ammissjoni saret wara li nghata l-monitu u z-zmien mill-Qorti msemmija fl-artikolu msemmi, huwa determinanti l-fatt illi l-appellanti semplicement ghamel allegazzjoni li l-ammissjoni tieghu saret fi stat ta' agitazzjoni tal-mohh meta hu kien ihossu mhedded u mbezza', f'cirkostanzi fejn ma hemm xejn x'jindika li dan kien hekk, u meta m'huwiex qieghed joffri prova, zghira kemm hi zghira, ta' daqshekk, anqas ta' l-istess xhieda tieghu. Hu ovvju li tkun  qed taghmel zball kbir din il-Qorti, kif kienet tkun ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti, kieku fuq is-semplici sottomissjoni ta' l-appellant, f'mument fejn kien jaqbillu jghid hekk, cioe`, li l-ammissjoni tieghu hu kien ghamilha ghax kien imbezza', il-Qorti tghaddi biex takkolji t-talba tieghu biex tigi kancellata l-ammissjoni debitament maghmula u registrata skond il-ligi bhallikieku din qatt ma saret."**

Fil-kaz odjern, id-difiza qed issostni li l-appellat ammetta wara li sar patteggjament. Galadarba l-patteggjament ma sarx skond il-linji gwida fuq msemmija, il-pretensjoni ta' l-appellat li jirtira l-ammissjoni tieghu hija ghal kollox frivola u qed tigi michuda.

Issa, in kwantu l-Avukat Generali jghid illi l-pussess u cirkolazzjoni ta' pornografija ta' minuri hija ta' hsara kbira kemm lill-minuri kif ukoll lis-socjeta`, ghandu ragun. Pero` jrid jirrizulta illi tali pornografija effettivament tinvolvi minuri. F'dan il-kaz huwa minnu illi l-appellat ammetta ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, inkluz l-ewwel imputazzjoni li tqis bhala reat, *inter alia*, it-tqassim ta' *films* u *video recordings* indicenti li juru persuni taht l-eta`. Din il-Qorti ezaminat l-istqarrija ta' l-appellat u minnha ma tirrizulta li saret ebda mistoqsija b'referenza ghal pornografija ta' minuri; l-ebda mistoqsija dwar jekk

jafx l-eta` tat-tfajla li tidher fid-DVD esebit quddiem l-ewwel Qorti; ma tirrizulta l-ebda indikazzjoni li kien qieghed jigi interrogat dwar pornografija ta' minuri. Naturalment, galadarba l-appellat ammetta anke ghal din l-ewwel imputazzjoni, ma jistax ma jinghatax piena anke dwar tali imputazzjoni. F'dawn ic-cirkostanzi, pero`, din il-Qorti tqis li mhuwiex indikat li tigi varjata n-natura tal-piena, b'dan illi ghandha tirrispekkja l-htija ammessa mill-appellat ta' zewg reati separati u distinti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-imsemmi Emanuel Theuma ghall-hlas ta' *multa* ta' mitejn liri Maltin (Lm200) pagabbli fi zmien tletin jum mid-data tas-sentenza appellata u minflok, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 17(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghall-hlas ta' *multa* ta' tliet mitt liri Maltin (Lm300) pagabbli fi zmien erbgha u ghoxrin siegha u li jekk ma tithallasx f'dan it-terminu jigu konvertiti fi prigunerija skond il-ligi, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------